Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 287/2017/1

**Western Co Ltd (appellanti)**

**vs**

**Carmel Agius u martu Emanuela Agius (appellata)**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. Wara s-sentenza parzjali tat-30 ta' Lulju, 2018 issa l-qorti ser tiddeciedi l-meritu tal-kawza.

2. B'kuntratt tas-6 ta' Awissu, 2008 il-konvenuti xtraw minghand l-atturi vettura Toyota Yaris bin-numru GBH-431 bil-prezz ta' €9,084.55. Fil-kuntratt jinghad li l-prezz kellu jithallas permezz ta' pagamenti ta' €175 kull xahar b'imghax ta' 8%.

3. Jirrizulta wkoll li nhargu kambjali dwar id-dejn (ara dokument data 21 ta' Lulju, 2008 a fol. 9). Dokument mahrug mill-Bank of Valletta plc u ndirizzat lill-konvenuti fejn jinghad li huma debituri tas-socjeta attrici ghas-somma ta' €10,800 u li dwaru nhargu sittin (60) kambjala ta' €180 l-wahda. Fl-istess ittra jinghad ukoll, *"Illi inti/intkom konxju/i u taccetta/w illi **din il-konferma ma teskludiex il-possibilta li l-imsemmija somma ta' €10800 tista tkun inqas mill-valur totali tal-kambjali migbuda minn Western Co Ltd**"*.

4. Skont l-istess skrittura ta' xiri, il-konvenuti kellhom ihallsu 72 pagament (ara klawzola 2[iii]). Bir-rata ta' €175 fix-xahar, dan ifisser total ta' €12,600 cjoe' €3,516 ohra (€12,600 - €9,084.55). Ir-riferenza ghal 72 pagament jaghti lill-qorti x'tifhem li l-hlas kellu jsir fuq sitt (6) snin. L-attrici ma pprezentatx rendikont biex turi kif waslet ghall-konkluzjoni li ghadha debitrici tal-konvenuti fl-ammont ta' €3,596. Lanqas ma spjegat kif prezz ta' €9,084.55 jaghti mghax ta' €3,516 f'perjodu ta' 72 xahar.

5. Skont il-kalkoli li ghamlet il-qorti, somma ta' €9084.55 li ghandha tithallas fuq perjodu ta' 72 xhur b'imghax ta' 8%, iggorr maghha imghax totali ta' **€2,383.58**. Il-qorti ser taghmel kalkoli fuq din ic-cifra li fil-fehma taghha taghti rizultat li hu skont il-ligi. Ghaldaqstant €9,084.55 + €2,383.58 = **€11,468**.

6. Min-naha taghhom il-konvenuti pprezentaw kopji ta' ricevuti ta' hlas li ghandhom total ta' **ghaxart elef erba' mija u ghaxar ewro (€10,410)**. Mill-atti ma jirrizultax li l-attrici kkontestat dawk id-dokumenti. Hu fatt li fl-ircevuti li pprezentaw il-konvenuti, in-numru tal-vettura oggett tal-bejgh mhuwiex dejjem l-istess. Fil-fatt in-numri jvarjaw minn GBH 431, ABH 463, ABH 431, ghal JBH 431. Pero' l-vettura li tissemma hi Toyota Yaris. Ma jirrizultax li minghand l-attrici l-konvenuti xtraw iktar minn vettura wahda tal-marka Toyota Yaris.

7. Fit-twegiba l-konvenuti ammettew li huma debituri tal-attrici fl-ammont ta' erba' mitt ewro (€400).

8. Hu fatt li fit-twegiba ghall-avviz tat-talba (fol. 5) il-konvenuti ddikjaraw li ffirmaw iktar minn sittin (60) kambjala, izda ma qalux kemm.

9. Madankollu mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-konvenuti ghadhom debituri tal-attrici fis-somma ta' **elf tmienja u hamsin ewro (€1,058)**, cjoe' **€11,468 - €10,410**. Il-qorti ser tiddeciedi l-kawza a bazi ta' dak li jinghad fl-iskrittura ta' xiri tal-vettura. Il-fatt li fl-ittra tal-Bank of Valletta plc jissemmew biss 60 kambjala mhuwiex rilevanti in vista ta' dak li jinghad f'paragrafu tlieta (3) tas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza fil-meritu billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni li l-ammont mitlub hu eccessiv tichad il-kumplament u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' elf tmienja u hamsin ewro (€1,058), bl-imghax mill-1 ta' Jannar, 2012.**

**Spejjez, salv ghal dak li diga' nghad fis-sentenza tat-30 ta' Lulju 2018, jinqasmu 60% a karigu tal-attrici u 40% a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.